IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

## Laqgħa Numru 76

## 27 ta` Gunju 2019

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u kwart ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

**SKUZAT B`APOLOĠJA:**

Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

### 76.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

76.1.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li s-Sur Eman Zerafa kien ser jasal ftit tard peress li kien ser jibqa` gej wara xoghol u s-Sur Lawrence Attard informa lis-Segretarja li ma kienx ser jlehhaq minhabba xoghol.

### 76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqghat Nru 75(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

Is-Sur John Boxall ghalaq billi rringrazzja lil dawk prezenti li servew matul din il-legislatura u awgura lill-kunsilliera eletti. Is-Sur Boxall zied jghid li marul din il-legislaturra jixtieq li l-membri kollha eletti jahdmu flimkien ghall-lokal u ghar-residenti. Li kull agenda li jkun hemm ghandha tkun ghall-gid tar-residenti u mhux agendi mohbija biex isir il-hsara. Is-Sur Boxall sostna li din mhux ser tkun accettata. Is-Sur Boxall kompla billi qal li kull intenzoni li titfa` dell ikrah fuq il-membri tal-Kunsill mhux ser tigi accettata.

Is-Sur John Boxall irringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv fejn is-Sinjura Mascena kinet strumentali biex  matul dawn l-ahhar snin kien hemm titjieb fil-finanzi tal-Kunsill, billi aggixxiet fid-decizjonijiet li kienu jittiehdu ghall-gid tal-Kunsill. Is-Sur Boxall zied jghid li l-Kunsill irribata hafna biex ghas-sena 2019, il-Kunsill ikun f`pozizzjoni ta` finanzi ahjar, fejn fis-sena 2018, id-deficit tal-Kunsill spicca.

Is-Sur Boxall ghalaq billi qal li kien hemm mumenti fejn il-Kunsill kien qed jesperjenza nuqqas ta` staff u ghalhekk ma setghax jiffunzjona fil-massimu tieghu, fejn issa jrid jahdem biex jigu meghluba dawn id-diffukultajiet.

Is-Sur Boxall stieden is-Sur Eman Zerafa sabiex jaghti l-ahhar kelmtejn tal-ahhar fl-ahhar laqgha tieghu tal-Kunsill. Is-Sur Zerafa rringrazzja lill-membri l-ohra tal-Kunsill li matul dawn il-hames snin kellu l-opportunita li jahdem maghhom u konkluda billi qal li din ser sservieh ta` esperjenza li tghallem hafna minnha.

**76.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-sitta neqsin kwart ta` filghaxija (5.45pm).

Konfermati illum 27 ta` Gunju 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |